**22 ta' Lulju, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri, LL.D.- President**
**Onor. Hugh Harding, B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S.**
**Onor. Carmelo A. Agius, B.A., LL.D.**

L-Onorevoli Sur Lorry Sant,Ministru ta' l-Intern

*versus*

It-tabib Dr.Joseph *sive* Josie Muscat,

Alfred Debono u Paul Spiteri

## Malafama - Referenza għal Kawża b'Mertu Simili

***Dan l-appell afferma li tista' issir referenza għal kawża bejn l-istess partijiet u fuq l-istess parti tal-meritu, biex a skans ta' ripetizzjonijiet, tagħmel ukoll referenza għar-raġunijiet tal-Qorti f'dik l-ewwel sentenza.***

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut Dr. Joseph *sive* Josie Muscat bħala awtur, il-konvenut Anthony Debono bħala editur, u l-konvenut Paul Spiteri bħala stampatur tal-gazzetta "Ir-Rieda", permezz ta' l-artikolu "Istħu Tiranni - Maltin kuraġġ", imxandar fl-ewwel paġna ħarġa numru tlieta tas-sena 1982, taw malafama lill-istanti, billi attribwewlu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu u li jesponuh għar-redikolu u għad-disprezz tal-pubbliku, u peress illi l-istanti, bħala parti offiża, għandu dritt għad-danni kontemplati fil-liġi ta' l-istampa (Att Numru XL tal-1974), talab (1) illi jiġi dikjarat illi l-konvenuti tawh malafama bl-istampat fuq imsemmi; "illi għandu l-iskop illi jtellef jew inaqqas l-istigma tiegħu"; u (2) illi l-konvenut jiġu kkundannati jħallsuh dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina f'ammont li ma jeċċedix Lm2000 bħala danni u riparazzjoni ta' l-inġurija morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq

imsemmija - bl-imgħax legali u bl-ispejjes;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha qalu *(1) illi huma jiċħdu l-allegazzjoni li huma* b'xi mod taw malafama lill-attur, u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes kontra tiegħu (2) illi l-artikolu in kwistjoni jesprimi biss opinjonijiet ta' natura politika, anki jekk f'termini robusti li huma aċċettabbli u ġeneralment użati f'dan il-kuntest; (3) illi fir-rigward tal-konvenut Alfred Debono, dan eċċepixxa wkoll li l-artikolu in kwistjoni inkiteb mill-konvenut l-ieħor Dr. Muscat, ġie pubblikat taħt ismu, u għalhekk assuma r-responsabilità sħiħa tiegħu; u (4) illi l-konvenut Paul Spiteri eċċepixxa wkoll li huma ma qarax l-artikolu in kwistjoni qabel ma ġie pubblikat;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-1 ta' Frar, 1984 li biha iddeċidiet adesivament għad-domandi ta' l-attur; u konsegwentement ddikjarat li bl-artikolu imsemmi fiċ-ċitazzjoni l-konvenuti taw malafama lill-attur bl-għan li jtellfulu jew inaqsulu r-reputazzjoni tiegħu, u iffissat d-danni li għandhom jitħallsu lill-attur bħala riparazzjoni għal din l-inġurja fl-ammont ta' mitejn u ħamsin lira (Lm250), u kkundannat lill-konvenuti iħallsu l-istess ammont ***in solidum*** lill-attur, bl-imgħax legali mill-lum u bl-ispejjes kollha u dan wara li kkunsidrat:

Illi din il-kawża ġiet trattata kontestwalment mal-kawża fl-ismijiet "Onorevoli Dr. Guzè Cassar B.A., LL.D, *vs* Tabib Dr. Joseph *sive* Josie Muscat *et*' - Cit. Nru. 1209/82 deċiża llum stess qabel il-preżenti. Il-mertu taż-żewġ kawżi huma simili, il-provi huma l-istess, u t-tnejn jirrigwardaw l-istess konvenuti. Għalhekk, għall-istess raġunijiet dedotti fis-sentenza fil-kawża

l-oħra (ċitaz. Nru. 1209/82), id-domandi ta' l-attur f'din il-kawża huma ġustifikati u għandhom jiġu milqugħa; u *a* skans ta' ripetizzjonijiet qiegħda ssir riferenza għall-imsemmija raġunijiet li qed jiġu addotati ***mutatis mutandis*** f'din is-sentenza wkoll;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti u il-petizzjoni tagħhom li biha talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat li biha għar-raġunijiet fiha indikati ssottometta li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti kollha li huma rilevanti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-meritu jirrigwarda artikolu pubblikat f'"Ir-Rieda" intitolat "ISTHU TIRANNI" - MALTIN KURAĠĠ" liema artikolu jifforma ukoll il-mertu ta' l-appell l-ieħor deċiż minn din il-Qorti llum stess fil-kawża numru 2 fuq il-lista ta' l-appelli Ċivili u bl-ismijiet "Onorevoli Dr. Ġużè Cassar, Deputat Prim Ministru *vs* It-Tabib Dr. Joseph *sive* Josie Muscat, Alfred Debono u Paul Spiteri";

Illi huwa veru illi in parti partikularment fit-trattazzjoni orali inġabu argumenti li huma partikolari għall-appellat odjern u ma jirrigwardawx lill-appellat fil-kawża l-oħra msemmija. Però l-bażi tas-sentenza fl-appell l-ieħor tapplika ugwalment u bl-

istess forza f'dan l-appell. *Din il-Qorti qed tindendi u qed* tirreferi għall-konsiderazzjonijiet tagħha f'dik is-sentenza u rigwardanti il-parti mill-artikolu li tgħid "Forsi, qed jgħakksu lill-ulied il-Maltin għax huma qatt ma semgħu l-karba tat-tfal imċaħħda". Indipendentement mis-sottomissjonijiet li saru fir-rigward tal-kumplament tal-artikolu, din il-Qorti hi tal-fehma illi għal dan il-bran l-appellanti ma rnexxilhomx jiskolpaw rwieħhom kif ġie spjegat fis-sentenza l-oħra msemmija. Din il-Qorti infatti ma tħossx li għanda tgħid aktar ħlief li tagħmel riferenza għall-konsiderazzjonijiet tagħha f'dik is-sentenza bħala applikabbli *in toto* għal din il-kawża u konsegwentement sejra tgħaddi biex tiċħad l-appell;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-appell u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjes ta' din l-istanza jkunu *a* kariku ta' l-appellanti.